# L-Innu Malti: Mitt sena mill-ewwel darba li tkanta fir-Rabat

minn Alan Fenech

Fost il-kisbiet li għamlet fl-istorja tagħha l-Banda Konti Ruġġieru tar-Rabat kien hemm dak li matul ġrajjietha dejjem uriet u ppromoviet sens kbir ta' patrijottiżmu favur pajjiżna. Forsi wieħed mill-aqwa mumenti minn dawn kien meta kienet hi l-ewwel banda fir-Rabat li ħadet l-okkażjoni u semmet lir-Rabtin il-kliem mill-isbaħ tal-Innu Malti. Dan hekk kif kien għadu kemm ġie miktub mill-poeta nazzjonali Dun Karm Psaila għal mużika ta' Mro Robert Samut fl-1923. Dan l-avveniment hu dokumentat f'fuljett f'forma ta' programm maħruġ għall-okkażjoni li kien fih ukoll il-kliem tal-Innu Malti sabiex l-udjenza setgħet isegwi u tkanta.

### It-tnissil tal-Innu Malti

L-ewwel ħsieb wara l-innu nazzjonali kien dak ta' innu sabiex jitkanta mit-tfal fl-iskejjel. Dan kien ir-raġunament tad-Direttur tal-Iskejjel Elementari ta' dak iż-żmien, Dr. Albert Laferla li l-ħabib tiegħu, it-tabib Robert Sammut semmgħu xi noti li kien ikkompona. Dr. Laferla mbagħad talab lil Dun Karm Psaila biex jikteb il-versi. L-ewwel darba li ndaqq fil-pubbiku kien f'kunċert fit-Teatru Manoel is-Sibt 3 ta' Frar, 1923, fejn indaqq mis-Soċjetà Mandolinistika tal-Birgu u tkanta mill-bniet tal-Iskola tal-Gvern, f'kunċert organizzat mill-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti. Jeżistu verżjonijiet oħra fejn jingħad li l-ewwel darba li qatt tkanta kien madwar xahar u nofs qabel fis-27 ta' Diċembru 1922 u reġa' tkanta fis-6 ta' Jannar tal-1923 waqt serata mtellgħa mill-għalliema mmexxija minn Dr. Laferla stess.

Skont Dun Karm stess f'artiklu li ppubblika fil-gazzetta "Il-Berqa" ta' Marzu 1944, fl-ewwel rappreżentazzjoni kien hemm preżenti l-Gvernatur Lord Plumer u martu. Il-programm kien twil mhux ħażin u għalaq bl-Innu Malti. Hekk kif instema', l-udjenza riedet ittir bil-ferħ, infexxet iċċapċap u talbet li jerġa' jinstema'. U hekk kif reġa' tkanta kulħadd qam bilwieqfa.




*Il-programm li ttella' fit-Teatru Adelphi nhar il-Ħadd 27 ta' Mejju 1923, flimkien mat-tifkira li tqassmet bil-lirika tal-Innu Malti.*

F'artiklu miktub minn Ivo Muscat Azzopardi, promotur ewlieni tal-Innu Malti, l-awtur jistqarr *"Imbagħad għadda xi żmien qabel ma reġa' nstema' u skont stqarrija ta' Dun Karm, id-debutt tiegħu fil-beraħ sar fit-8 ta' Settembru tal-1928 meta nstema' wara t-Taħdita fuq l-Assedju l-Kbir. U għal xi snin l-Innu Malti baqa' jinstema' biss mit-tfal tal-Iskejjel fil-Festa tar-Rebħa għax għalkemm il-kanarin kien twieled, ma kienx għadu rabba l-ġwienaħ. Issa Dun Karm ħass li barra minn poeta kellu wkoll jagħmilha ta' propagandista għax biċċa xogħol sabiħa u ħelwa bħal dik ma kellhiex tibqa' biss monopolju furzat ta' tfal tal-iskejjel."*

### L-Innu Malti u l-Banda Konti Ruġġieru

Imma allura x'rabta hemm bejn l-Innu Malti u l-Banda "Patrijottika", Ċittadina u Popolari Konti Ruġġieru?

Sforz il-ħeġġa li kellu Dun

Karm sabiex jippopolarizza l-Innu Malti, ħajjar lil Maestro Vincenzo Ciappara, li dak iż-żmien kien issurmast direttur tal-Banda Konti Ruġġieru kif ukoll tal-King's Own Band tal-Belt Valletta sabiex jadatta dan l-innu biex ikun jista' jindaqq mill-baned. Fil-fatt indaqq minn banda għall-ewwel darba propju mill-King's Own fit-8 ta' Settembru 1936.

Iżda r-rabta tal-Innu Malti mar-Rabat ta' San Pawl, tipprecedi din id-data b'xejn inqas minn tlettax-il sena, ċioè fis-27 ta' Mejju 1923, ftit xhur biss wara li ndaqq f'Malta għall-ewwel darba. Dan sar waqt serata mtellgħa b'risq il-festa ta' Corpus Domini li fiha ħadet sehem il-Banda Konti Ruġġieru.

Dawn is-serati li kienu jittellgħu fis-snin għoxrin tas-seklu l-ieħor ġewwa s-sala tal-iskola primarja fi Triq il-Kulleġġ jew fit-Teatru Adelphi fi Triq Brittania, illum Triq ir-Repubblika. Din is-serata partikolari li qegħdin nirreferu għaliha saret fil-fatt fit-Teatru Adelphi u xhieda ta' dan huwa l-fuljett imsemmi qabel, misjub għand Ġużeppi Falzon li kien proprjetarju tal-istess teatru.

### Imma allura fiex kienet tikkonsisti din is-serata partikolari?

Is-serata kellha tema patrijottika bid-dramm f'sitt atti ta' Aurelio Camilleri (awtur u drammaturgu imwieled ir-Rabat), *Il-Konti Ruġġieru f'Malta* (jew *Il-Ħelsien tal-Maltin mis-Seraċini*) u l-Banda Konti Ruġġieru daqqet xi siltiet waqt l-intervalli taħt id-direzzjoni ta' Maestro Giuseppe Vitaliti. Fil-fatt kien avżat li l-kant tal-innu Malti kien ser isir nofs siegħa wara li jibda l-programm fit-8.00pm, jiġifieri fit-8.30pm, waqt wieħed minn dawn l-intervalli.

Ta' min iżid li dak iż-żmien, il-Banda Konti Ruġġieru kellha sehem ewlieni fil-festa nazzjonali tat-8 ta' Settembru billi kienet iddoqq programm strumentali fi Pjazza Saqqajja u kienet ukoll tiġi mistiedna ddoqq programm mużikali għall-istess okkażjoni f'Ħad Dingli.

Il-Kumpanija Teatrali Amore nafu li kienet diġà mwaqqfa fil-bidu tas-seklu għoxrin u kienu jtellgħu r-rappreżentazzjonijiet tagħhom f'lokal fi Triq Kola Xara qabel ma fetaħ it-teatru Adelphi. L-atturi ta' din l-għaqda kienu midħla sewwa tal-Każin San Pawl tant li nhar il-Ħadd 27 ta' Diċembru 1908 waqt programm strumentali mtella' mill-istess Banda fi Pjazza Saqqajja rregalaw trofew lis-Soċjetà San Pawl Banda Konti Ruġġieru. Fost id-diretturi li kellha nsibu lil Carmelo Zammit. Wara li spiċċat il-kumpanija Salvini li kienet mwaqqfa minn Salvinu Calleja, missier il-mibki Dun Robert Calleja, bosta atturi marru mal-kumpanija Amore. Fost l-atturi tal-Amore nsibu lil Carmelo Azzopardi (iż-Żnaj), Ġużeppi Cefai, Ninu Micallef, Ċensinu Bartoli,



*It-Teatru Adelphi fis-snin 30.*

Leli Spiteri, Saver Dingli, Pawlinu Bugeja, Johnny Zammit, Menu Ciangura u Ġanni Gauci.

Mill-fuljett imsemmi aktar 'il fuq jirriżulta li l-kumpanija *Amore* kellha wkoll il-każin tagħha f'nru. 1, Triq Brittanja (illum Triq ir-Repubblika), fejn illum minflok jinsab ħanut tal-fajjenza. Minn dokumenti oħra tal-istess kumpanija, li llum jinsabu kollha fl-arkivju tal-Każin San Pawl, jirriżulta li d-direttur tal-Amore fl-1923 kien Datu (Adeoodato)



*Mro. Giuseppe Vitaliti*

*Uħud mill-membri tal-kumpanija Amore u Salvini fis-sena 1926. (Ħajr: Gino Zammit)*



Xuereb, li kien jaħdem bħala għalliem u li wieħed minn uliedu kien Pawlu Xuereb (1923-1994), li wara karriera fil-politika ġie maħtur Aġent President tar-Repubblika ta' Malta fi Frar tal-1987.

## Wara s-serata...

Naturalment l-Innu Malti, grazzi anki għas-sehem ta' baned oħra, inkluż dawk militari beda dejjem jsir iktar popolari sakemm fis-17 ta' Frar 1941, il-Gvern iddikjara l-Innu Malti bħala l-Innu Nazzjonali ta' Malta u b'hekk jindaqq f'kull programm pubbliku u jiftaħ jew jagħlaq kull funzjoni uffiċjali.

Għal darb'oħra l-Banda Konti Ruġġieru hija waħda mill-protagonisti fi ġrajja oħra storika ta' dawn il-gżejjer, mhux ta' b'xejn it-titlu *"Patrijottika"* li bih kienet tissejjaħ għal bosta snin.

## Referenzi:

Muscat Azzopardi, I. (1964). L-Innu Malti. Il-Malti, 3, 72-75.
Akkademja tal-Malti. (1973). L-Innu Malti u l-Akkademja tal-Malti. Il-Malti, 49, (2), 33-35.
C., A. (1961). Dun Karm u l-Innu Malti. Il-Malti, 4, 106-108.
Dun Karm. (1947). Kif sar l-Innu Malti. Leħen il-Malti, 197-199, 14-15.
Cefai, A. (2003). 'Patrijottika': Titolu mogħti lill-Banda Konti Ruġġieru, Festi Tagħna 2003, 17, 19, 21, 23, 25, 27.



*Triq Brittania, illum Triq Ir-Repubblika fir-Rabat. Il-Każin tal-Amore kien fil-post bil-bieb nru. 1. Aktar tard dan il-post serva bħala l-klabb tal-futbol tar-Rabat Ajax FC. (Ritratt: Michael Grima)*